**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Gunju, 2020**

**Mandat Nru: 522/2020 AF**

**Kenneth Spiteri**

**vs**

**Vodafone Malta Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Kenneth Spiteri, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti zzomm lil Vodafone Malta Limited milli tkecci jew tittermina l-impjieg, jew bi kwalunkwe mod tikkawzalu li jsofri xi detriment jew pregudizzju iehor, jew tiehu xi passi li jistghu icahhdu lill-esponenti mir-remunerazzjoni lilu spettanti, jew tbiddilu b'mod unilaterali l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Vodafone Malta Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet li, minkejja dak li ordnat din il-Qorti fid-digriet taghha tal-15 ta' Mejju, baqghet ma gietx notifikata lill-kontroparti.

Rat l-Art. 873 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi t-talba odjerna ta' Kenneth Spiteri hija msejjsa fuq l-allegazzjoni tieghu ta' mpieg gdid, u dan meta jinsab digà gudizzjarjament stabbilit illi l-impieg originali tieghu kien gie terminat. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma tezisti ebda prova mad-daqqa t'ghajn li Kenneth Spiteri nghata mpieg mill-gdid.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 2020 u tichad it-talba ta' Kenneth Spiteri definittivament.

L-ispejjez jithallsu minn Kenneth Spiteri.

IMHALLEF